**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Dicembru 2020.**

**Avviz Numru 267/2019**

**Joseph Bonello ezercitanti l-kummerc taht l-isem J.B. Concrete Mix**

**Vs**

**Victor Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attur ipprezentat fid-19 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' erbatax-il elf, mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€14,158.75) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovut minnu għal diversi konsenji ta' konkos, servizzi u *charges*.

Rat in-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fit-3 ta' Lulju 2020 li permezz taghha l-attur irriduca l-ammont mitlub ghal sebat elef, hames mija u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€7580.97) stante pagament akkont fil-mori.

Rat li l-konvenut debitament notifikat b'dawn il-proceduri fit-3 ta' Novembru 2020, baqa' ma deherx quddiem din il-Qorti u lanqas ma pprezentat ebda risposta.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Bonello.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2020 il-konvenut imsejjah diversi drabi ma deherx u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lill-attur, fuq talba tieghu stess, sabiex jipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut, liema kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut, l-attur talab lill-konvenut jikkonferma li hu debitur tieghu fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenut ghas-seduta tal-lum stess.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb ghad-domanda tal-attur.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li pprezentatu. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**,[1] illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

---

[1] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obbligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**.[2] In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Illi ghaldaqstant, apparti l-imsemmi kapitolu, il-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fil-kawza, kif ridott, ghadu dovut.

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu, jirrizulta li t-talba tal-attur hija wahda fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu ma ghandux mis-sewwa.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta'  sebat elef, hames mija u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€7580.97) bl-imghaxijiet legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

---

[2] Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk marbuta mal-ittra ufficjali Numru 957/2019 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-Avviz, a kariku tal-konvenut.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**